# IR-RABA PARTI
# L-EWWEL SEZZJONI — QORTI KRIMINALI

---

12 ta' Jannar, 1953

**Imhallfin:**

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President*;
L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.;
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Il-Maestà tar-Regina** *versus* **Antonio Sammut**

**Kumpilazzjoni — Att ta' l-Akkuża — Eżami ta' l-Imputat— Nullità — Art. 407 u 591 (4) tal-Kodiċi Kriminali.**

*L-eżami ta' l-imputat għandu jiġi firmat mill-Maġistrat Istruttur. Mingħajr dik il-firma, l-eżami ta' l-imputat huwa null, u għalhekk hija nulla l-istruttorja, u huwa null ukoll l-att ta' l-akkuża bażat fuq dik l-istruttorja.*

Il-Qorti — Rat l-att ta' l-akkuża;

Rat l-istruttorja relativa;

Rat id-digriet tagħha komposta mill-Imħallef ordinarju, mogħti fil-11 ta' Diċembru 1952, li bih ġiet rimessa għad-deċiżjoni ta' l-istess Qorti kolleġjalment komposta l-kwistjoni dwar jekk l-istruttorja, u għalhekk l-att ta' l-akkuża, hux null minħabba li l-eżami ta' l-imputat ma ġiex iffirmat mill-Maġistrat;

Semgħet it-trattazzjoni ta' dan il-pont;

Ikkunsidrat;

Illi skond l-art. 407, Kap. 12, l-eżami ta' l-imputat għandu jiġi ffirmat mill-Maġistrat Istruttur. Fil-każ preżenti din il-firma ma hemmx; hemm biss, fil-ġenb, il-firma ta' l-iskrivan tal-Qorti t'Isfel (ara fol. 4);

Illi skond l-art. 591 (4), l-att ta' l-akkuża jista' jiġi attakkat meta, "inter alia", ikun hemm in-nuqqas għal kollox ta' l-eżami ta' l-imputat;

Illi eżami "mhux firmat" għandu jiġi loġikament ekwiparat għall-eżami "nieqes għal kollox", għaliex altrimenti ma kienx ikun hemm sens li tiġi imposta l-formalità tal-firma;

Għalhekk tiddirimi l-kwistjoni billi tiddikjara nulla l-Istruttorja għaliex null l-eżami ta' l-imputat, u kwindi tiddikjara null ukoll l-att ta' l-akkuża; u, wara li rat l-art. 461 (7) Kap. 12, tordna li l-akkużat jerġa' jiġi nuqiegħed fl-istess stat li kien qabel ma ġie preżentat l-att ta' l-akkuża.